


*Tliet Anniversarji Importanti*

Is-sena 2007 għall-Ordni Karmelitan hija sena speċjali għax jaħbtu flimkien tliet anniversarji importanti li jfakkru ġrajja li mmarkaw il-ħajja u l-istorja ta' l-Ordni Karmelitan. L-ewwel anniversarju jfakkar it-800 sena mill-għoti tar-Regula Karmelitana fl-1207. It-tieni jfakkar is-700 sena mill-mewt ta' San Albert ta' Trapani (1307), waqt li t-tielet ifakkar l-400 sena mill-mewt ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi (1607). Bħalma jsir dejjem fiċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji is-sena ta' qabel tkun sena ta' tħejjija spiritwali biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet iħallu l-frott meħtieġ. Għall-Ordni Karmelitan, dan huwa l-ewwel u qabel kollox mument ta' grazzja li fih, aħna lkoll infittxu li niġġeddu fis-sejħa li Alla għoġbu jżejjinna biha. Għalina lkoll huwa sinjal sabiħ li dawn l-anniversarji ħabtu fl-istess sena. Għaliex? Il-ħajja tagħna hija mixja wara Kristu fi proġett ta' ħajja partikulari hekk kif imfisser fir-Regula Karmelitana.

Quddiemna għalhekk, San Albert ta' Trapani u Santa Marija Maddalena de' Pazzi, jidhru bħala żewġ aħwa qaddisa li fasslu ħajjithom fuq l-istess Regola li aħna stess inħaddnu llum ukoll. Għalhekk f'dan il-Ġublew Karmelitan, waqt li iktar nistudjaw u napprofondixxu fi spirtu ta' talb ir-Regula tagħna, u nfittxu li nibqgħu fidili lejha skond l-ispirtu ta' żmienna, nistgħu inħarsu lejn żewġ mudelli li għexu din ir-Regula skond is-sinjali ta' żminijiethom u waslu għall-quċċata tal-qdusija. Hawnhekk se nagħtu ħarsa ħafifa lejn ir-regula u ż-żewġ qaddisin Karmelitani fl-ordni kronoloġiku.

**Ir-Regula Karmelitana**

Bejn l-aħħar tas-seklu 12, bidu tat-13, xi pellegrini u kruċjati Latini intasbu fuq l-għolja tal- Karmelu fl-Art Imqaddsa biex jgħixu ħajja ta' ċaħda u penitenza, b'dedikazzjoni sħiħa lil Alla u lill-Imqaddsa Verġni Marija. Huma xtaqu jiksbu l-art li fuqha għexu Ġesù Kristu u Ommu Marija. Waqt li l-qawwiet militari riedu jagħmlu dan permezz tax-xabla u l-ġlied, bl-għan li jeħilsu l-postijiet qaddisa li ġew meħuda minn idejn l-Insara mill-qawwiet Misilmin, dawn l-eremiti għażlu li jirbħu lil qalbhom għal Kristu, billi jitqabdu 'bl-armi spiritwali' (Reg. 18-20) mad-dnub li jgħix fihom. Huma għalhekk talbu lill-Patrijarka ta' Gerusalemm jagħtihom 'għamla ta' ħajja li tkun taqbel ma' dak l-ideal'(Reg. 3) li huma stess kienu ħaddnu. San Albert ta' Gerusalemm tahom din l-għamla ta' ħajja bejn l-1206-1214. Dan il-proġett ta' ħajja spiritwali mbagħad sar tassew Regula meta ġie approvat mill-Papa Innoċenż fl-1247. It-test tar-Regula huwa sempliċi ħafna, bħall-proġett li jipproponi, jiġifieri li l-Karmelitan 'jimxi wara Gesù Kristu b'qalb safja u kuxjenza nadifa'(Reg. 2). L-għan tar-Regula Karmelitana huwa li twassal lil min iħaddanha għall-għaqda mistika ma' Alla flimħabba, permezz tal-meditazzjoni kontinwa tal-Kelma ta' Alla, is-skiet, ix-xogħol u l-imħabba ta' l-aħwa. Ir-Regula Karmelitana fil-fatt hija l-iqsar mir-Regoli l-Kbar tal-ħajja reliġjuża u hija magħmulha min-nisġa ta' siltiet meħuda mill-Kotba Mqaddsa. Sa' llum hija għajn ta' ispirazzjoni għal dawk li jixtiequ jimxu 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ.



**San Albert ta' Trapani**

San Albert twieled fil-belt Trapani, Sqallija fis-seklu 13. Huwa magħruf kemm għall-eżempju ta' ħajja qaddisa u mill-aktar safja, għad-dedikazzjoni sħiħa tiegħu fix-Xandir tal-Kelma permezz tal-predikazzjoni, u għall-egħġubijiet li huwa għamel fost il-poplu permezz tas-setgħa li Alla tah li jagħmel il-mirakli. Bejn l-1280 u 1289 huwa għex fi Trapani u f'Messina, waqt li fl-1296 ġie magħżul bħala Provinċjal tal Karmelitani fi Sqallija. Bniedem ta' ħajja tassew kontemplativa mogħtija għat-talb u

għall-qari tal-Kelma ta' Alla, fi tfittxija ma taqta' xejn għall-wiċċ ta' Alla. Jingħad li kien iqatta' iljieli sħaħ jitlob is-salmi. Huwa miet fil-belt ta' Messina fis-7 ta' Awissu 1307 u kien l-ewwel Karmelitan meqjum bħala qaddis flimkien ma' Sant'Anġlu ta' Sqallija, l-ewwel Karmelitan martri. Minħabba f'hekk, dawn it-tnejn huma mfakkrin fl-arma ta' l-Ordni permezz tal-palma tal-martirju u tal-ġilju tas-safa. Fl-Ordni Karmelitan, San Albert ta' Trapani huwa l-patrun ta' l-istudenti Karmelitani li lilu jsejħu fl-istudji tagħhom. Minħabba f'hekk iċ-ċentru Internazzjonali Karmelitan f'Ruma għall-Istudji huwa msemmi għalih. San Albert gawda devozzjoni qawwija kemm fl-Ordni Karmelitan u kemm fost il-poplu ta' Alla fis-seklu 16. Magħruf huwa l-ilma msejjaħ ta' San Albert li jitbierek permezz tar-relikwi tiegħu nhar is-7 ta' Awissu, jum il-festa liturġika tiegħu, u li jfejjaq il-morda, speċjalment dawk maħkuma mid-deni. Qaddisin kbar ta' l-Ordni Karmelitan bħal Santa Tereża ta' Gesù u Santa Marija Maddalena de' Pazzi kellhom devożżjoni kbira lejh u kienu jsejħulu 'missier'. Santa Marija Maddalena de' Pazzi, kemm-il darba ratu waqt xi estasijiet u saħansitra darba minnhom irċeviet l-Ewkaristija minn idejh. F'Malta, insibu pitturi sbieħ tiegħu fil-knejjes u l-kunventi Karmelitani tal-Belt, l-Imdina u Fleur de Lys. Forsi l-aktar magħrufa hija l-pittura ta' Giuseppe Calì li turi l-qaddis bilqegħda waqt li jħaddan miegħu lil Gesù Bambin, ħdejn vażun li fih ġilju abjad simbolu tal-ħajja safja.

**Santa Marija Maddalena de' Pazzi**

Marija Maddalena twieldet fil-belt ta' Firenze mill-familja nobbli de' Pazzi, li sa mis-seklu 15 kellha rwol politiku importanti fil-belt. Hija twieldet nhar it-2 ta' April 1566, u sa minn tfulitha ngħatat edukazzjoni tajba fid-dar u fil-monasteru tas-sorijiet imsejħa Cavalieresse di San Giovanni di Malta. Ommha ħadet ħsieb ukoll li tagħtiha formazzjoni reliġjuża soda permezz tad-diretturi spiritwali Giżwiti li mexxewha fil-ħajja tar-ruħ. Maddalena kellha sens qawwi tal-preżenza ta' Alla u mħabba kbira lejn l-Ewkaristija. Ta' 10 snin ħallewha tagħmel l-ewwel tqarbina u kellha l-permess titqarben spiss, kontra l-użu ta' dak iż-żmien. Ta' 17-il sena għażlet li tingħaqad mas-sorijiet Karmelitani tal-klawsura minħabba li huma kienu jitqarbnu kuljum u wkoll kienu magħrufa għas-serjetà fil-ħajja spiritwali. Fis-sena tan-novizzjat, ġiet maħkuma minn marda li wasslitha f'xifer il-qabar u għalhekk għamlulha l-professjoni reliġjuża qabel iż-żmien. Minn dak inhar (Mejju 1584) bdew sensiela ta' grazzji mistiċi li baqgħu jakkumpanjawha sa l-

1604. Fost l-oħrajn fil-monasteru ġiet afdata bl-uffiċċju ta' maestra tan-novizzi u tal-professi, sagristana u sottoprijura. Fi żmien ta' taqlib għall-Knisja offriet ruħha għar-riforma tal-Knisja Kattolika u għal dan l-għan kitbet ittri lill-Papa Sistu V, lill-kardinali u bosta awtoritajiet reliġjużi. Fil-monasteru tagħha kienet għajn ta' ħajja spiritwali. It-tagħlim u l-estażijiet tagħha huma miġbura f'ħames volumi ta' opri mimlija għerf spiritwali u mistiku. Dawn il-kitbiet għandhom ukoll preġju letterarju għall-iżvilupp ta' l-ilsien Taljan. Fl-1604 il-Mulej għoġbu jżurha b'tiġrib qawwi u bil-mard. Kien il-mument li fih hija saret tixbah għal kollox lil Gesù Msallab. Mietet nhar il-25 ta' Mejju 1607 u ġiet beatifikata fl-1626 u kanonizzata fl-1669. Flimkien ma' Santa Tereża ta' Gesù hija meqjuma bħala s-Serafina tal-Karmelu minħabba li kienet mixgħulha b'ħeġġa spiritwali liema bħalha li ġeddet l-ispirtu tal-Karmelu. Wara 400 sena, ġisimha għadu sħiħ u meqjum fil-knisja tal-monasteru Karmelitan ta' Santa Maria degli Angeli, ġewwa Firenze. Fl-Ordni Karmelitan hija l-patruna tat-Terz'Ordni. Minħabba t-tiġrib u t-tentazzjonijiet kbar, ħafna jitolbuha kontra t-tentazzjonijiet kif ukoll għall-fejqan mit-tiġrib tal-malinkonija jew depressjoni. Fil-knejjes Karmelitani f'Malta insibu bosta pitturi ta' din il-qaddisa. X'uħud minnhom huma ta' ċerta preġju, bħalma hi dik li hemm fil-knisja tal-Karmnu fl-Imdina, xogħol ta' Mattia Preti.

**Għeluq**

Waqt li nroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li hu għoġbu jsawwab fuqna matul il-medda tas-sekli, nawguraw li dan il-Gublew ikun għall-Ordni Karmelitan mument ta' grazzja li fiha aħna lkoll niġġeddu u nagħrfu dejjem aktar l-għana tas-sejħa li rċevejna mingħand Alla, għall-qdusija tagħna u għall-ġid tal-bnedmin. Għal dawk kollha li jixtiequ jkunu jafu iktar dwar l-Ordni Karmelitan jew jixtiequ jagħmlu tagħhom il-proġett ta' ħajja spiritwali kemm bħala patrijiet, sorijiet jew ukoll lajċi Karmelitani jistgħu jikkuntattjawna:

- Fid-Dar tal-Formazzjoni Karmelitana, f'Tas-Sliema.
- f'waħda mill-knejjes u l-kunventi tagħna mxerrdin ma' Malta;
- fl-Uffiċċju tal-Provinċjal, Kunvent tal-Karmnu, Triq it-Torri, San Giljan;
- permezz ta' l-internet fuq dawn iż-żewġ websites: http://www.karmelitanimalta.org/ u http://www.ocarm.org
- permezz ta' l-email: vokazzjonijiet@karmelitanimalta.org